

Brussell, 27 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7382/26

CDR 40

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar tliet membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Regġuni - Adozzjoni

---

1. Permezz ta' ittri tal-10 ta' Novembru 2025<sup>1</sup>, tas-17 ta' Diċembru 2025<sup>2</sup>, tas-6 ta' Frar 2026<sup>3</sup>, u tat-13 ta' Frar 2026<sup>4</sup>, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Francesco ACQUAROLI, membru tal-Kumitat tar-Regġuni, u tas-Sa Roberta ANGELILLI, membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni, kif ukoll bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Luciano Emilio CAVERI u s-Sur Luca ZAIA, membri tal-Kumitat tar-Regġuni, u s-Sur Michele EMILIANO, membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni, ġew proposti għall-ħatra u nħatru.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni.

---

1 15243/25.  
2 17003/25.  
3 6161/26.  
4 7343/26.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Francesco ACQUAROLI, is-Sur Luciano Emilio CAVERI u s-Sur Luca ZAIA, il-Gvern Taljan ippropona<sup>5</sup> lir-rappreżentanti ta' korpi reġjonali li ġejjin li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali: is-Sa Roberta ANGELILLI, *Assessore della Regione Lazio* (Ministru Reġjonali tar-Reġjun tal-Lazio), is-Sur Aurelio MARGUERETTAZ, *Consigliere regionale, Consiglio regionale della Valle d'Aosta* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Valle d'Aosta), u s-Sur Alberto STEFANI, *Presidente della Regione Veneto* (President tar-Reġjun tal-Veneto), bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Barra minn hekk, u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Roberta ANGELILLI u s-Sur Michele EMILIANO, il-Gvern Taljan ippropona<sup>5</sup> lir-rappreżentanti ta' korpi reġjonali li ġejjin li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali: is-Sur Francesco ACQUAROLI, *Presidente della Regione Marche* (President tar-Reġjun tal-Marche), u s-Sur Antonio DECARO, *Presidente della Regione Puglia* (President tar-Reġjun tal-Puglia), bħala membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 7383/26, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

---

---

<sup>5</sup> 7410/26.